MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Numru 395/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma u Simon Galea)**

**vs**

**Jason Friggieri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Jason Friggieri, ta' 29 sena, bin Anthony u Miriam nee' Attard imwieled Awstralja fil-5 ta' Gunju, 1971 u residenti Camagrove, Triq l-Inbid, Attard detentur ta' karta ta' identita numru 195489(M) akkuzat talli f'Attard fil-31 ta' Ottubru 2000 b'mezzi xort'ohra minn dawk specifikament imsemmijin fil-kodici kriminali, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq

hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikament karozza tat-tip Subaru Vivio bin-numru ta' registazzjoni IBB 184 proprjeta ta' Marlene Galea residenti B'Kara, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira (Lm50) izda inqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) bi ksur ta' l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurata tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu

nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissata mill-Qorti stess a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputat huwa mixli li kkaguna hsara fuq vettura Sabaru Vivio numru ta' registrazzjoni IBB 184 proprjeta' ta' Marlene Galea li tigi omm il-mara tieghu.  Din hija l-unika akkuza dedotta kontra l-imputat li l-Qorti tista' tissindika. M'hemm ebda akkuza li titratta xi griehi li allegatament sofrew l-kwerelanti kif jissemma fid-deposizjonijiet taghhom.  Mill-provi jirrizulta li l-incident inqala' meta l-mara tal-imputat marret sabiex tiehu xi hwejjeg taghha mid-dar matrimonjali billi l-konjugi kienu qeghdin jisseparaw minn xulxin.  Kien hemm li nqala' xi attrit bejnithom u nghad li giet danneggjata l-vettura ta' l-imsemmija Marlene Galea mill-imputat.  Issa l-imputat innega li huwa qatt ghamel xi hsara fuq il-vettura.  Dan jghidu kemm fl-istqarrija tieghu u kkonfermah meta xehed quddiem din il-Qorti.

Illi fl-atti hemm esebiti disa' ritratti li juru l-hsara fil-vettura. Mix-xhieda ta' bin omm il-mara tal-imputat jirrizulta li kien hu li hadhom 'xi jumejn wara l-incident'.

Issa l-Qorti hi msejha sabiex tiddeciedi liema fost il-versjonijiet kontrastanti hi l-aktar verosimili tenut kont li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha. Hi u tevvalwa l-provi tista' toqghod fuq xhud wiehed, jekk emmnut (Artikolu 638 tal-Kap 9) u fil-kaz in disamina ssib li hemm provi sufficjenti, fi grad aktar mill-probabbli, li jimmilitaw favur it-tezi tal-prosekuzzjoni.

Ghal dak li hija hsara jirrizulta mill-atti li jammontaw ghal Lm319.43.

Ghalhekk u nghad dan il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu. Rat l-artikolu 325(b), 28A u 28H tal-Kap 9, ikkunsidrat il-fedina penali tieghu u l-fatturi kollha, u tikkundannah sitt xhur prigunerija li qeghda tissospendi ghall-perjodu ta' sena millum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu sospiz ta' din is-sentenza u bil-kundizzjoni li

jhallas l-ammont ta' Lm319.43 lill-Marlene Galea zmien mhux aktar minn sitt xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------